KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza E.S. Tonna, Floriana FRN1483

Telephone No. 21 235523, 21236951 E-Mail: floriana.lc@gov.mt

---

**Mozzjonijiet – Laqgħa Nru 26(7)**

Sinjuri, dawn huma il-Mozzjonijiet li waslu fl-uffiċju sad-data tal-għeluq skond Kapitlu 363. Skeda 6 (Ordnijiet Permanenti), Artikolu 7, u li ser jitressqu waqt il-laqgħa Nru 26 **(7).**

**MOZZJONI NUMRU 1 - TISBIEĦ TAS-*SUBWAYS***

Wara li saret ċertu manutenzzjoni fis-subways, xorta għad mhux isir użu biżżejjed minnhom, għalhekk qiegħed jipproponi li dawn jissebħu permezz ta' tpinġijiet li juru xeni pittoreski tal-Floriana bil-għan li jkunu aktar attrajenti u jitħajjru aktar nies jużawhom.
Il-Ministeru konċernat għandu jkun informat filwaqt li jkunu jistgħu jitqabbdu studenti mill-MCAST jesprimu l-ħiliet artistiċi tagħhom.

**MOZZJONI NUMRU 2 *CIGARETTE BINS* FI PJAZZA PAPA GIOVANNI XXIII**

Xi ħaddiema fiż-żona tal-Pjazza Papa Giovanni XXIII infurmawh b' inċident fejn b' sigarett mormi f' dustbin f' din il-pjazza tkebbset fjamma.
Għalhekk qed jipproponi li ma' xi dustbins f' din iż-żona għandu jkun hemm ukoll *cigarette bins* imwaħħla magħhom,

**MOZZJONI NUMRU 3 LEĦEN IT-TFAL TAGĦNA**

Bħala Kunsillier responsabbli mit-tfal, qed jipproponi li jitfassal kwestjonarju dwar il-lokalita' immirat għat-tfal tal-5 sena u 6 sena tal-Iskola Primarja tal-Floriana Dan wara li ssir konsultazzjoni mal-Kap tal-istess skola bl-intenzzjoni li dawn it-tfal iwasslu leħinhom dwar x'jaħsbu mill-lokalita' tagħhom.

*(Proponent – Is-Sur James A Ellul – Kunsillier)*

*M'Lourdes Lautier*
Segretarju Eżekuttiv